17/02/2012

**Dispożizzjonijiet Supplementari**

## 1. Emendi tekniċi

1.1 Żball Ovvju, Emendi Tekniċi. Minkejja kull ħaġa kuntrarja hawnhekk imniżżla, it-termini u l-kondizzjonijiet tal-*Bonds* u ta' kull ftehim li jirregola l-ħruġ jew l-amministrazzjoni tal-*Bonds* jistgħu jiġu mmodifkat mill-Emittent mingħajr il-kunsens tad-detentur tal-*Bonds*:

(i) sabiex jiġi korreġġut żball ovvju jew tiġi rranġata ambigwità; jew
(ii) jekk il-modifika hija ta' natura formali jew teknika jew għall-benefiċċju tad-detenturi tal-*Bonds.*

L-Emittent għandhu jippublika d-dettalji ta' kull modifka tal-*Bonds* magħmula skont din it-Taqsima [●] fi żmien għaxart ijiem minn meta l-modifka ssir legalment effettiva.

## 2. Aċċelerazzjoni u Rexxissjoni ta' Aċċelerazjoni[1]

2.1 Aċċelerazzjoni. Jekk iseħħ ġrajja ta' nuqqas jew tkun għadha għaddejja, id-detentur ta' mhux anqas minn 25% tal-ammont prinċipali totali tal-*Bonds* pendenti jistgħu, b'avviż bil-miktub mogħti lill-Emittent, jiddikjaraw li l-*Bonds* ikunu minnufih dovuti u pagabbli. Malli ssir xi dikjarazzjoni ta' aċċelerazzjoni mogħtija kif imiss skont din it-Taqima, l-ammonti kollha pagabblli fuq il-*Bonds* għandhom isiru minnufih dovuti u pagabbli fid-data li jiġi riċevut mill-Emittent l-avviż bil-miktub ta' aċċelerazzjoni kemm-il darba l-ġrajja ta' nuqqas ma tkunx ġiet irranġata jew irrinunzjata qabel mal-Emittent jirċievi l-avviż.

2.2 Rexxissjoni ta' Aċċelerazzjoni. Id-detenturi ta' aktar minn 50% tal-ammont prinċipali totali tal-*Bonds* pendenti jistgħu, f'isem id-detenturi tal-*Bonds* kollha, jirrexxindu jew jannullaw kull nota ta' aċċelerazzjoni mogħtija skont it-Taqsima 2.1 hawn fuq.

## 3.Limitazzjoni fuq l-Azzjoni ta' Detentur Uniku[2]

3.1 Ebda detentur ta' *Bond* ma jkollu dritt li jibda' proċedimenti kontra l-Emittent jew jieħu passi sabiex jinforza d-drittijiet tiegħu ta' detentur tal-*Bonds* skont it-termini u l-kondizzjonijiet tal-*Bonds* kemm-il darba it-(*Trustee/*aġent fiskali) wara li jkun intrabat sabiex jirproċedi skont dawn it-termini u l-kondizzjonijiet, ikun naqas milli jagħmel dan fi żmien raġonevoli u dak in-nuqqas ikun għadu għaddej.

---

[1] Għandha tiġi inkluża biss jekk il-*Bonds* jipprovdu għal aċċelerazzjoni.
[2] Għandha tiġi inkluża biss jekk il-*Bonds* jipprovdu għal aġent fiskali jew *Trustee*.